



Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0255(COD)

13914/1/18
REV 1 ADD 1

CODEC 1896
AGRILEG 187
VETER 77
PHARM 52
MI 796

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Bil-ħsieb tal-oġġettiv tar-Regolament, li huwa li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-Awstrija tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-punti li ġejjin:

Għandu jkun biss possibbli li jintużaw prodotti mediċinali veterinarji permezz tal-għalf meta jkun hemm hteġġa speċifika (jiġifieri f'każ ta' mard).

Fl-interessi tas-sussidjarjetà f'konformità mar-Regolament il-ġdid dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, għandu jkun possibbli li jinżammu sistemi ta' kontroll nazzjonali stabbiliti għall-użu ta' għalf medikat direttament fuq l-azjenda agrikola, kif qed jiġi pprattikat bħalissa fl-Awstrija minn miksers fl-azjenda reġistrati.

Sabiex jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċjali tal-agrikoltura fuq skala żgħira, primarjament li tinvolvi azjendi agrikoli tal-familja, ir-rekwiżiti għall-manifattura ta' għalf medikat għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jkun fattibbli u prattiku għal miksters fl-azjenda. Il-manifattura u l-amministrazzjoni ta' għalf medikat minn bdiewa mħarrġa taħt is-superviżjoni ta' veterinarju jikkostitwixxu prattika stabbilita sew fl-Awstrija li tnaqqas bosta riskji, peress li l-prodotti mediċinali jintużaw fil-post u fil-kwantità li fihom ikunu assolutament meħtieġa.
